# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 417/2017

**Il-Pulizija**

**vs**

**Carmelo Debono**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Carmelo Debono, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 479778M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fix-xahar ta' Marzu, April u Mejju, 2017 f'dawn il-Gzejjer b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat naqas li jaghti lil Doriella Debono, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-23 ta' Ottubru, 2017 li biha sabet lill-imsemmi imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal xahar prigunerija.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Carmelo Debono, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati izda thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

1. Illi fl-appell odjern l-appellant jilmenta mis-sentenza appellata kwantu ll-piena erogata mill-ewwel Qorti li fil-fehma tieghu kellha tkun wahda aktar miti;

2. Illi fis-seduta tal-lum, l-kwerelanta xehedet quddiem din il-Qorti illi l-appellant ottempera ruhu mal-ordni tal-Qorti fl-obbligu tieghu li jivversa dik ir-retta alimentari lamentata fl-imputatazzjoni;

3. Illi ghad illi mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti sia kwantu jolqot l-apprezzament tal-fatti kif ukoll kwantu l-piena erogata hlief

jekk dik il-Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal-dik il-konkluzzjoni, ukoll fil-kaz meta jekk il-piena ma tkunx fil-parametri tal-ligi, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

4. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati, tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannatu ghal-piena ta' xahar prigunerija u minflok tikkundannah ghal-twiddiba.